# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 86/7

Il-Ħamis 22 ta’ Ġunju 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-7.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier (elett wara r-riżenja tal-Kunsilliera Demelsa Grech)

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

86.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

86.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (85/7 [22/05/17]);

86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, D. Grech u S. Caruana

86.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

86.5 Rapporti;

86.6 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern f'Tal-Mitħna – progress;

86.7 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana - progress;

86.8 Estensjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre - progress;

86.9 Jum il-Gudja 2017;

86.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

86.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.02pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Kondoljanzi. Is-Sindku kemm f'ismu personali u f'isem il-Kunsill ta l-kondoljanzi lil Viċi Sindku s-Sur Romeo Baldacchino wara t-telfa ta' missieru s-Sur Anglu Baldacchino li dan l-aħħar għadda għall-ħajja ta' dejjem.

Il-Kunsilliera kollha ngħaqdu mas-sentimenti ta' kondoljanzi kif murija mis-Sindku.

Il-Viċi Sindku rringrazzja lis-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera kollha u l-uffiċjali kollha tal-Kunsill għas-simpatija u s-sapport li tawh tul iż-żmien diffiċli li għadda minnhom bit-telfa tal-għażiż missieru.

Merħba lill-kunsillier elett is-Sur George Fenech wara r-riżenja tal-Kunsilliera Sa Demelsa Grech. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa n-nutar Simon Manicolo kien sejjer ikun preżenti sabiex jammistra l-ġurament lis-Sur George Fenech bħala Kunsillier elett tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

Is-Sindku qal li kien qed jilqa' lis-Sur Fenech madwar il-mejda tal-Kunsill u li s-Sur Fenech kien sejjer jibda jipparteċipa malli jingħata l-ġurament tal-ħatra.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dak li qal is-Sindku u waqt li ferħu lis-Sur Fenech għal din il-ħatra ta' Kunsillier wrew ix-xewqa tagħhom li jaħdmu lkoll flimkien b'risq ir-residenti, il-komunità u l-Gudjani kollha u kull fejn jinsabu.

Is-Sur Fenech wieġeb li huwa kien kuntent bil-ħatra tiegħu u li kien jinsab determinat li jaħdem fi ħdan il-Kunsill u mal-Kunsilliera l-oħra kollha b'risq ir-residenti kollha, il-komunità u l-Gudjani kollha u kull fejn jinsabu.

**86.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

86.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**86.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (85/7 [22/05/17)**

86.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Kien hemm ukoll qbil unanimu li dawn il-minuti jiġu approvat nem con.

**86.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

86.3.1 Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2017. Banda magħmula miż-żewġ każini, Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjetà Filarmonika La Stella. Is-Sindku qal li ż-żewġ każini qablu li jagħtu s-servizz lill-Kunsill waqt dan il-jum tant prestiġjuż għan-nies tal-Gudja billi joffri banda waħda.

Dan is-servizz sejjer jibda mas-6.00pm mill-inħawi tal-Mitħna u jduru toroq oħra, jakkumpanjaw lill-Kunsill waqt it-tqegħid tal-fjuri fuq il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra u jkomplu jakkumpanjaw lill-Kunsill sal-ftuħ tal-programm divertenti ta' Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2017 li qiegħed ukoll isir bil-kollaborazzjoni mal-Parroċċa fil-programm tal-Lejla Sajfija.

Is-Sindku qal i għal dan is-servizz ta' banda waħda bejn iż-żewġ każini l-baned talbu l-ħlas ta' €500 għal kull każin.

Is-Sur Caruana qal li għandu jiġi assigurat li l-banda ma tkomplix waqt il-quddiesa għax dan itellef il-miġemgħa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Is-Sindku wieġeb li dan il-punt ġie diskuss u maqbul mal-baned li qablu li waqt il-quddiesa l-banda tkun qed idoqq f'inħawi oħra u li ma tinstemax minn ġol-Knisja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill b'mod unanimu qabel u ddeċieda li japprova dak li qal is-Sindku u li jingħata ħlas ta' €500 (inkluż il-VAT) lil kull banda għal dan is-servizz.

**86.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

86.4.1 Ħsejjes ta' ħornijiet fl-inħawi ta' Vjal it-Torri (fejn hemm l-iskip) fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu. Is-Sur Baldacchino qal u l-Kunsilliera kollha qablu li fl-inħawi għandha titwaħħal tabella li ma jkunx hemm daqq ta' ħornijiet qabel is-6.45am.

86.4.2 Konkos qalb l-għelieqi fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa. Is-Sur Caruana qal li sar jaf li dan l-aħħar sar xogħol ta' tfih ta' konkos fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa. Is-Sindku wieġeb li sa fejn jaf huwa dan kien sar mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Caruana insista li l-Kunsill kellu jiġi konsultat għax l-inħawi jinsabu fir-responsabiltà tal-Kunsill. Is-Sur Caruana qal li mhux sewwa li xogħol li ma tantx jidher li sar kif huwa xieraq, isir bla ebda konsultazzjoni jew preavviż għax huwa l-Kunsill li jkollu jwieġeb għal xi ilmenti li jista' jinqala' wara li dan ix-xogħol qisu sar bla ebda ippjanar.

Is-Sur Baldacchino qal li lanqas huwa ma kien infurmat jew konsultat dwar dan ix-xogħol li kien qed isemmi s-Sur Caruana.

Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill dejjem jaħdem sabiex isir xogħol ta' fejda iżda kull min huwa responsabbli għandu jara li jkun hemm konsultazzjoni xierqa u li kull xogħol isir bis-sengħa u professjonali meħtieġa.

86.4.3 It-tieni edizzjoni ta' "Omm ta' Bosta Wlied". Is-Sur Caruana stqarr li xi żmien ilu l-Kunsill kien diġà beda jiddiskuti din il-materja u semma wkoll id-dati tal-laqgħat fejn il-Kunsill ta' ħjiel tal-interess f'dan is-suġġett li kien qed jitwettaq primarjament bejn l-ekskunsilliera Grech u l-awtur is-Sur Bertram Portelli (li kien ukoll preżenti bħala membru tal-pubbliku waqt din il-laqgħa tal-lum).

Is-Sur Caruana talab u kemm is-Sindku u l-Kunsilliera l-oħra qablu li s-Sur Portelli jingħata permess sabiex jindirizza l-Kunsill dwar dak li kien seħħ s'issa.

Is-Sur Portelli qal li flimkien mas-Sa Grech kienu kisbu 3 kwotazzjonijiet u li fil-fehma tiegħu l-Kunsill kien aċċetta l-offerta tal-Best Print Ltd. Is-Sur Portelli kompla billi qal li huwa kien xi drabi jiġi mitlub li jagħti tagħrif lil Sa Grech dwar il-kontenut u anke kien hemm xi waqtiet fejn ġie diskuss l-isem ta' dan l-istess ktieb li fil-fehma tas-Sa. Grech kellu jibdel l-isem kif ukoll li jinteressa lill-Gudjani kollha u qarrejja oħra b'mod ġenerali.

Is-Sur Portelli qal li kien hemm waqtiet li nqata' l-kuntatt ma' Sa Grech u li kien kostrett li jikteb lill-Kunsill sabiex f'dan l-istadju jara t-triq 'il quddiem.

Saret diskussjoni u sar qbil li jkun aħjar li ssir laqgħa fejn l-ekskunsilliera Sa Grech tagħti *handover* ta' dak ix-xogħol pendenti taħt id-dekasteru tagħha u li għal din il-laqgħa jkun mistieden ukoll is-Sur Portelli sabiex ikun hemm djalogu dwar il-proġett tal-ktieb.

Din il-laqgħa għandha ssir l-aqsar żmien possibbli sabiex il-Kunsill ikun f'qagħda li jieħu deċiżjoni finali dwar kull materja li tista' tkun pendenti.

Spjegazzjoni personali. Is-Sur Caruana qal li meta qajjem il-punt dwar il-pendenza ta' dan il-ktieb huwa wera kull rispett lejn l-ekskunsilliera u xtaq li

fil-futur ikun hemm aktar ħidma konġunta ta' bejn il-kunsilliera kollha għaliex huwa jħoss li dan ikun ta' aktar suċċess għall-ħidma tal-Kunsill.

86.4.4 Triq iż-Żebbuġa biswit il-Knisja. Is-Sur Caruana qal li din il-parti ta' triq hija ta' importanza u hemm ħtieġa ta' xogħol li anke jirrispetta l-ambjent fil-qalba tar-raħal tal-Gudja.

Is-Sindku wieġeb illi kif diġà intqal fl-laqgħat preċedenti l-Kunsill kien qed jagħti prijorità lil dan ix-xogħol. Infatti issa ġie mqabbad quantity sruveyor (QS) sabiex jirrelata dwar dak meħtieġ u l-ispiża meħtieġa.

Il-Kunsill sejjer ikollu quddiemu dan ir-rapport fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex wara diskussjoni l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi kif ikun meħtieġ.

86.4.5 Tkissir ta' bankini waqt xogħol ta' żvilupp. Is-Sur Caruana qal illi kull meta jkun tiela' bini ġdid hemm ir-riskju u fl-fatt hekk qed jiġri illi jitkissru l-bankini u l-qagħda qed tkun perikoluża ħafna.

Dan ġara wkoll dan l-aħħar fi Triq il-Lewż li l-iżviluppatur kisser il-bankina b'tali mod li hija ta' periklu u n-nies qed ikollhom jimxu f'nofs ta' triq.

Is-Sindku wieġeb li huwa infurmat dwar il-qagħda iżda hemm livell ta' tolleranza sakemm isir l-iżvilupp u l-bankina terġa' tiġi rranġata sewwa. Is-Sindku stqarr ukoll illi mhux aċċettabbli li jinħoloq periklu u sejjer jiddiskuti mal-iżviluppatur sabiex jirranġa u jirrimedja s-sitwazzjoni tant li jitneħħa l-periklu eżistenti.

**86.5.0 Rapporti**

86.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Ittra ta' nuqqas lill-kuntrattur responsabbli minn non-urban. Is-Sur Baldacchino qal u l-Kunsilliera qablu li peress qed ikun hemm ħafna ilment li mhux qed isir xogħol kif miftiehem, speċjalment fl-inħawi ta' triq fejn hemm iċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa, qrib il-ġibjuni fit-trejqa ħdejn il-barumbara u fi Triq V. Pasmore, il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-kuntrattur u jiġbidlu l-attenzjoni li dan in-nuqqas ma jistax ikompli u li l-Kunsill jistenna li jingħata s-servizz miftiehem għaliex jekk dan ma jseħħx il-Kunsill ikun kostrett li jieħu passi skont il-kundizzjonijiet kif jinsabu fl-istess kuntratt dwar dan is-servizz.

b. Xogħol mill-Gvern Ċentrali fi Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino fakkar dwar dan ix-xogħol u talab li peress issa hemm Ministru ġdid responsabbli minn dan il-ministeru, il-Kunsill għandu jitlob rapport dwar il-qagħda preżenti u l-progress sabiex dan il-proġett kif miftiehem mal-Kunsill ikompli u jsir fit-terminu kif diġà previst u maqbul mal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dak li ssuġġerixa is-Sur Baldacchino.

c. Ġibjuni miftuħa f'Dawret il-Gudja u l-inħawi. Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien diġà talab sabiex isir it-tindif meħtieġ qabel l-istaġun tax-xita u għalhekk il-Kunsill għandu jkompli jinsisti li jsiru x-xogħlijiet mingħajr dewmien għax fil-qagħda preżenti hemm ir-riskju ta' ħsara jekk tagħmel xita ftit qawwija u li dan il-ġibjun għalkemm miftuħa ma jkunux jistgħu iżżommu l-ilma minħabba l-ħmieġ u *debris* li jinsab fihom. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dak li ppropona s-Sur Baldacchino.

d. Nuqqas ta' knis xieraq f'diversi toroq tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino stqarr li minkejja kull osservazzjoni tal-Kunsill lill-kuntrattur responsabbli mhux qed jagħti s-servizz kif meħtieġ u b'riżultat ta' dan qed ikun hemm ilmenti persistenti mingħand diversi residenti ġewwa l-Gudja.

Is-Sindku, filwaqt li qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino, qal ukoll li minħabba din il-qagħda xi ħaddiema kif assenjati mal-Kunsill ġew ukoll imqabbda li jagħmlu xogħol ta' knis u tindif f'diversi toroq urbani fosthom Triq Sta Katerina, Triq San Ċiru, Triq il-Lebbien u fis-*service road* ta' Triq Ħal Tarxien.

Is-Sindku qal ukoll illi r-residenti ta' dawn it-toroq urew l-apprezzament tagħhom għax-xogħol li twettaq mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ix-xogħol tal-knis u tindif fit-toroq urbani jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u fi ftehim mal-Community Workers Scheme.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dak li qal il-Viċi Sindku u s-Sindku.

e. Xogħol ta' restawr fuq is-Salib fil-kontrada ta' Bir Miftuħ u l-Menħir fl-istess inħawi. Is-Sur Baldacchino fakkar li fil-ħin apportun għandu jingħata bidu għal dawn ix-xogħlijiet għaliex l-istess monument huwa parti mill-istorja u l-wirt kulturali tal-Gudja.

f. Ċirkulari (kemm bl-Ingliż u bil-Malti) dwar id-diversi servizzi tal-ġbir tal-iskart ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li issa huwa l-ħin opportun li tintbagħat din iċ-ċirkulari bil-għand li jonqos l-abbuż, tinżamm l-indafa u r-residenti tal-Gudja filwaqt li jkunu jistgħu jgawdu ambjent aħjar ikunu wkoll għassiesa sabiex jonqos kull abbuż li jħassar l-ambjent.

86.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Korsijiet ta' eżerċizzju fiżiku – zumba. Is-Sur Sammut qal li sejħa għal dan il-kors kienet waħda ta' suċċess u infatti fil-preżent hemm 30 parteċipanti. Dan qed isir fil-bitħa taċ-ċentru tal-parroċċa.

Is-Sur Sammut qal li kien qed jiġi mitlub li ssir sessjoni fil-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbuġa iżda dan ikun meħtieġ li l-Kunsill iħallas it-trasport. Is-Sur Sammut fakkar li kull parteċipant kien qed iħallas €25 għal 10 lezzjonijiet u li

anke jekk il-Kunsill iħallas it-trasport il-Kunsill ikun diġà kopra l-ispejjeż kollha u mingħajr ma jkollu spejjeż oħra.

Il-Kunsill approva u qabel ma' dak li ppropona is-Sur Sammut.

86.5.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Kondoljanzi. Is-Sur Caruana qal li filwaqt li huwa personali jixtieq jagħti l-kondoljanzi lis-Sur Baldacchino wara t-telfa tal-għażiż missieru s-Sur Anglu Baldacchino huwa xtaq ukoll jingħaqad mas-sentimenti kollha l-oħra kif espressi mis-Sindku u l-Kunsill b'mod ġenerali.

b. Merħba lis-Sur George Fenech. Is-Sur Caruana qal li huwa xtaq jifraħ lis-Sur Fenech għal ħatra tiegħu bħala kunsillier u qal ukoll li s-Sur Fenech sejjer jagħti ħidma u enerġija ġdida sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem f'risq ir-residenti tal-Gudja, il-komunità u l-Gudjani kollha u kull fejn jinsabu.

c. Grazzi lill-ekskunsilliera Demelsa Grech. Is-Sur Caruana qal li xtaq jibgħat ir-ringrazzjament kemm tiegħu kif ukoll f'isem il-Kunsill għall-ħidma li wettqet Sa Grech matul iż-żmien tagħha bħala kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Gudja. Il-Kunsilliera kollha preżenti ngħaqdu ma' dan is-sentiment kif kien diġà espress mis-Sur Caruana.

d. Laqgħa dwar il-GAL Xlokk. Is-Sur Caruana qal li kien sar jaf u fil-fatt attenda għal-laqgħa interessanti ta' artisti b'mod individwali, kemm kantanti u każini. Il-Kunsill tal-Arti huwa ta' interess kbir għal Kunsill speċjalment fil-qasam tal-kultura u minnha l-Gudja tista' tikseb aktar benefiċċju f'risq il-komunità.

e. Stedina mill-MCAST – il-kultura fil-lokalitajiet. Is-Sur Caruana qal li huwa kien l-uniku kunsillier f'Malta u Għawdex li attenda u pparteċipa f'dan is-seminar. Is-Sur Caruana qal li kien hemm interess fil-programm tal-Erba' Staġuni u li l-Kunsill jista' wkoll ikun *il punto di partenza* fejn jidħol il-*heritage* tar-raħal tal-Gudja.

   Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill jista' jimxi in par tal-programm ta' V18 u li l-Gudja toffri spazji fejn jittellgħu attivitajiet fuq livell nazzjonali. Kemm Ġnien Ġlormu Cassar (kif fil-fatt diġà ġie preżentat) kif ukoll Ġnien Raymond Caruana jistgħu wkoll jiġu konsidrati għal dan il-għan.

**86.6.0 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern f'Tal-Mitħna – progress;**

86.6.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi qed isegwi kif meħtieġ sabiex isir eżekuzzjoni tax-xogħol kif sejjer ikun miftiehem mar-residenti.

**86.7.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana – progress**

86.7.1 Din it-tema diġà ġiet ittrattata aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**86.8.0 Estenzjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre**

86.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi minkejja l-abbozz ta' ftehim ilu li ntbagħat mill-Kunsill lill-awtoritajiet tal-Edukazzjoni kif kien miftiehem, il-Kunsill qiegħed ukoll jibgħat ifakkar dwar dan, iżda l-Kunsill għadu bla tweġiba.

Il-Kunsill wera l-preokkupazzjoni tiegħu u liema pożizzjoni qiegħa tkun ta' preġudizzju għall-interess tal-komunità tal-Gudja u tal-ħidma tal-Kunsill f'risq ir-residenti u l-istess komunità.

**86.9.0 Jum il-Gudja 2017**

86.9.1 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-programm u dan ġie approvat b'mod unanimu.

Sospenzjoni tal-Aġenda

F'dan l-istadju tal-laqgħa il-Kunsill laqa' lin-nutar Simon Manicolo li amministra l-ġurament tal-ħatra lill-kunsillier elett lis-Sur Fenech wara li dan qara u ffirma d-dikjarazzjoni u dokument fil-preżenza tal-istess nutar, is-Sindku u l-Kunsilliera l-oħra kollha preżenti.

Is-Sur Fenech irringrazzja kemm lis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera oħra kollha preżenti għall-merħba li tawh u stqarr li dan l-ispirtu ta' ħbiberija ġenwina sejjer ikompli jwettaq il-fehma tiegħu li jaħdem fi ħdan il-Kunsill f'risq il-Gudja, ir-residenti tagħha, il-komunità tal-Gudja u għall-Gudjani kollha huma min huma u kull fejn jistgħu jinsabu.

**86.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

86.10.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 44/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għall-ammont totali ta' €13051.09. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

86.10.2 Il-Kunsill iddeċieda li jinżamm il-pagament nru 14 sakemm il-kuntrattur jwettaq ix-xogħol kif miftiehem u meħtieġ.

**86.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

86.11.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |